# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 24





**KONT TAF?** Kont taf li s-sorijiet ta' Madre Tereża ta' Kalkutta jikkalkulaw it-tul tal-mixi li jkollhom jagħmlu b'kemm-il Rużarji jirreċitaw. Le, ma jikkalkulawx it-tul bil-mili imma b'kemm jilħqu jgħidu rużarji !

**Kont taf** li Santa Tereża ta' Kalkutta kienet tħobb tuża Kuruna tar-Rużarju li tibda b'posta b'żibeġ suwed, u aktar ma tgħaddi 'il quddiem fir-reċita tar-Rużarju, il-posti jkunu b'żibeġ griżi skuri, . imbagħad ohra b'anqas skuri, imbagħad aktar ċari sa ma l-aħħar posta b'żibeġ bojod.

Mid-dlam għad-dawl! Din hija l-kuruna tar-Rużarju għall-Erwieħ tal-Purgatorju. Kienet temmen li fir-Rużarju min jaf kemm erwieħ jgħaddu mid-dlam tal-Purgatorju għad-Dawl tal-Ġenna.

Iva, ir-Rużarju hu effikaċissimu bħala suffraġju għall-egħżież Erwieħ tal-Purgatorju.

Fil-bidu tar-Rużarju hija kienet tesponi l-intenzjoni, imbagħad ma ssemmihiex aktar, imma toffri r-Rużarju għall-Erwieħ, persważa li Alla meta jarana ġenerużi mal-Erwieħ tal-Purgatorju jagħtina wkoll dak li nixtiequ fil-qalb tagħna.



## Mill-Ktieb: Is-Sigriet tar-Rużarju ta' San Alwiġi de Montfort:

Patri Dumink, Kartusjan, li kien devot kbir tar-Rużarju Mqaddes, ra f'dehra s-Sema miftuħa u lkoll fis-sema miġbura f'ilbies mill-isbaħ. Semagħhom ikantaw ir-Rużarju f'melodija li ssaħħar; Kull għaxra kienet ad unur ta' misteru mill-Ħajja, il-Passjoni jew il-Glorja ta' Ġesù Kristu u tal-Imqaddsa Omm tiegħu. Patri Dumink innota li kull darba li kienu jlissnu l-Isem Imqaddes ta' Marija kienu jbaxxu rashom, u għall-Isem ta' Ġesù kienu jmilu fuq riġlejhom u jroddu ħajr lil Alla għall-ġid kbir li għamel fis-sema u fuq l-art permezz tar-Rużarju Mqaddes. Ra wkoll lill-Madonna u l-Qaddisin joffru lil Alla ir-Rużarju li l-membri tal-Konfraternità jirreċitaw hawn fuq l-art. Innota wkoll li kienu qed jitolbu għal min kien jipprattika din id-devozjoni. Ra wkoll kuruni sbieħ bla għadd, li kienu magħmulin minn fjuri jfuħu għal dawk li jirreċitaw ir-Rużarju bil-qima. Sar jaf li kull Rużarju li kienu jgħidu kienu jagħmlu kuruna għalihom li għad jilbsuha fil-Ġenna.